**L-istil Xkupa (Hokidachi; Broom )**



Dan l-istil jieħu ismu mix-xebħ tal-forma tiegħu ma' l-ixkupa tradiżjonali ġappuniża wżata biex jikinsu l-ġonna. Għandek zokk dritt dritt, u ħafna friegħi li jirramifikaw mill-quċċata taz-zokk. L-aktar speċi wżati għal dan l-istil huma ż-żelkova. Dan l-istil mhux kommuni fin-natura. Sa ċertu punt, l-istil xkupa jirrappreżenta varjant ta' l-istil wieqaf formali: iz-zokk jitla f'linja dritta u mbagħad jinqasam qisu mrewħa, f'friegħi li jirramifikaw il-barra. L-effet huwa wieħed arjuż u dinjituż.

Mhux sorpriża li dan l-istil ġennen u saħħar warajh numru kbir ta' bonsajisti, minħabba s-sens ta' ekwilibriju differenti u il-proporżjonijiet klassiċi tiegħu.

## L-istil Maħkum mir-riħ (Fukinagashi; Wind-swept )



Dan l-istil, fejn is-siġra tidher bħallikieku giet imbuttata f'direżjoni waħda, isib l-eżempji naturali tiegħu f'siġar li kibru f'ambjent diffiċli, imudellati mid-dwiefer atmosferiċi. Bħala eżempji nsemmu dawk is-siġar skolpiti bil-vjolenza tar-riħ mal-kosta jew fil-quċċati tal-muntanji. Dan l-istil jagħti mpressjoni stinata u resistenti.

L-istil maħkum mir-riħ jista' jiġi maħdum b'siġar b'zokk dritt, b'zokk inklinat jew b'zokk xi ftit imgħawweġ, imma bosta drabi jintużaw eżemplari b'ħamest izkuk jew aktar, forsi minħabba l-fatt li b'daqshekk jagħtu aktar impressjoni ħajja u rejali li tidher fis-selvaġġ.

Iz-zokk huwa nklinat normalment 30 grad jew aktar. Il-friegħi jikbru fuq naħa waħda (dik għal kenn tar-riħ); xi friegħi li jitħallew fuq in-naħa l-oħra (dik milquta mir-riħ) jiġu mqaxxra u ġġinjati. Il-friegħi ħajjin jkollhom ftit weraq li jitħallew jikbru biss in-naħa ta' fuq tal-friegħi. L-ebda weraq ma jitħalla jikber in-naħa ta' isfel tal-friegħi ħalli b'hekk jispikkaw aktar il-linji tal-qafas taz-zokk prinċipali flimkien mal-friegħi.

Meta dan l-istil ikun maħdum kif suppost l-effet viziv huwa ta' azzjoni li bħallikieku ġiet iffriżata fotografikament.

**L-istil Litterati (Bunjin-gi; Litterati )**



F’dan l-istil, il-forma hija sempliċi, kemm fiz-zokk u kif ukoll fil-friegħi, tant li joħolqu effet ta’ sofistikażjoni u essenżjalita’. L-istorja tgħidilna li dan l-istil ġej mill-ġost tal-***bunjin***, li kienu artisti-kittieba raffinati tat-tieni nofs tal-perjodu Edo. Perjodu li huwa mżejjen b’poeżija, pittura u estetika Ġappuniża, bħal ***wabi*** u ***sabi***. L-istil għandu l-mudell naturali tiegħu fi speċi ta’ siġar immudellati mir-riħ (li uħud minnhom għadhom eżistenti sal-ġurnata tal-llum). Dawn is-siġar fl-istat naturali tagħhom maż-żmien tilfu l-friegħi t’isfel minħabba dik li tissejjaħ l-ekonomija naturali tas-siġra. Spiċċaw għalhekk b’zokk twil u għeri, u weldu ċertu grażżja u eleganża li tidher taħrab minn dak kollu li mhux essenżjali.

Bosta artisti bonsajisti għandhom ġibda kbira lejn dan l-istil. Uħud minnhom tant huma mimlija passjoni lejn dan l-istil, li kważi kważi hija passjoni reliġjuża. Fit-terminolġija tal-arti tal-kalligrafija, dan l-istil jikkorispondi mal-forma ***so***, jiġifieri dak l-istil konċiż u naturali. Dan kollu narawh fiz-zokk eżili u xi ftit mgħawweġ, u fin-numru tal-friegħi li jiġu mnaqqsa għall-essenżjal biss. Dan l-istil għandu dehra pjuttost fraġili u ħafna affarijiet negattivi jirriżultaw f’pożittiv.

**L-istil Wieqaf informali ( Moyo-gi; Informal upright )**



Dan l-istil huwa l-aktar popolari u kommuni, kemm fin-natura u kemm bħala bonsai. Fiz-zokk ta' dan l-istil insibu diversi tgħawwiġ u brim. Dan l-istil ukoll iħaddan fih dawk is-siġar li jkollhom aktar minn zokk wieħed, basta jkunu mgħawwġin u mibrumin. Pero il-kelma ġappuniża *moyo-gi* tirreferi prinċipalment għal dawk l-eżemplari b'zokk ewlieni wieħed biss. Meta mqabbel mas-saħħa u l-imponeneza viżiva ta' l-istil wieqaf formali, l-istil *moyo-gi* jidher aktar eleganti, ġentili u mserrep. Dan għaliex meta xi zokk ikun massiġġ u oħxon, imma jkollu xi tgħawwiġ u brim, jakkwista l-eleganza u l-grażżja fid-dehra tiegħu. Dawk is-siġar b'zokk ta' dijametru medju jew daqsxejn żgħir, minn naħa l-oħra, jistgħu jiġu edukati f'bosta effetti estetiċi, mill-grażżja għall-eleganża, għal dak aktar mhux kommuni. U minħabba dan kollu dan l-istil huwa l-aktar wieħed preferut minn dawk li jħobbu l-bonsai.

Fin-natura dan l-istil iseħħ permezz ta' fatturi fl-ambjent fejn tkun qeda tikber is-siġra. Minħabba r-riħ, id-dell u kompetiżjoni għad-dawl jew l-ilma minn siġar oħra jew xi bini, iz-zokk jitgħawweġ, idur u jibdel id-direżjoni.

**L-istil Wieqaf formali (Chokkan; Formal upright)**



Dan l-istil huwa l-aktar wieħed bażiku. Idejalment fl-istil wieqaf formali, iz-zokk ewlieni jinsilet għal xejn xejn minn isfel għal fuq, filwaqt li l-friegħi joħorġu miz-zokk b'ċertu distanza u proporżjon bejniethom. Minn quddiem, is-siġra tifforma trijangolu 'isoscele'; l-istil għandu aspett tassew proporżjonat u eleganti. Jagħti dehra u impressjoni ta' majestożità. Għalkemm huwa sabiħ ħafna, huwa xi ftit diffiċli, għax mhux la kemm wieħed isib materjal li jkun dispost biex jiġi edukat fih bit-teknika ta' l-arti tal-bonsai.

Dan l-istil fin-natura jinstab meta siġra tkun qedt tikber f'sitważjoni miftuħa u idejali, fejn l-ilma u l-ikel ma jonqsux u fejn il-klima hija ħanina.

**L-istil bl'Għeruq esposti jew mikxufa (Neagari; Exposed roots)**



Dan l-istil ifakkarna f'dawk is-siġar li jikbru fejn ix-xmajjar jew f'ħitan ġeblija. Meta l-ilma (tax-xmara meta tfur jew dak tax-xita qawwija) iġorr u jkaxkar il-ħamrija mal-kurrent, jinkixfu l-għeruq, li maż-żmien jixrifu u jieħdu xejra tixbaħ lil dik taz-zokk.

Fil-bonsai bl-istil imsemmi jiġu minn ta' quddiem dawk is-siġar biz-zokk fl-istil wieqaf informali aktar minn dawk formali, minħabba l-fatt illi l-partikolarita' ta' dan l-istil qiegħed propju fl-interess li jiġġenera l-logħob tat-tgħawwiġ.

**L-istil Kaskata (Cascade style; Kengai)**



F’dan l-istil iz-zkok prinċipali flimkien mal-friegħi jiddendel l-isfel mal-ġenb tal-qasrija u jagħtu effet ta’ kaskata ta’ l-ilma.

F’dan l-istil tintuża qasrija fonda, biex tagħti bilanċ kemm viżiv u kemm mekkaniku (għax inkella s-siġra taqleb il-qasrija jekk din tkun baxxa).

It-tarf tas-siġra jtul l-isfel aktar mill-qiegħ tal-qasrija u għalhekk dan l-istil jeħtieġ mejda (‘stand’) fuqhix joqgħod.

**Kompożiżjoni fi grupp jew foresta (Yose-ue; Group / Forest )**



Kif wieħed jista' jinduna mill-isem, f'din il-kompożiżjoni jitħawlu f'kontenitur wieħed, grupp ta' siġar, aktar minn tnejn, sa aktar minn għoxrin, b'tali mod li tinħoloq dehra rejalistika ta' makkja jew masġar siġar matul xi bajja, jew xi rokna ta' foresta fuq xi muntanja.

Fil-*yose-ue* jistgħu jintużaw ħafna speċi pero mhux fl-istess qasrija. Ħafna drabi f'dan l-istil ikun hemm siġra dominanti u l-linji tagħha jikmanddaw il-linji tas-siġar l-oħra. F'din it-tip ta' kompożiżjoni nsibu rqajja ta' siġar flimkien. Is-siġra dominanti normalment titpoġġa fuq quddiem u warajha jippoġġew siġar iqsar u irqaq għal perspettiva. F'temi oħra ta' l-istess stil ġieli nsibu lis-siġar li jintużaw huma kważi ta' l-istess daqs u l-effet viżiv imbagħad huwa wieħed ta' unifirmita'. Id-diffikulta' ta' dan l-istil huwa kif jitqedu s-siġar biex l-ebda waħda minnhom ma' tatti siġra oħra. U ukoll li l-friegħi ma' jridux li jidhru deħlin f'xulxin f'geġwiġija.

Meta l-istil ikun maħdum sewwa tħoss is-seher tal-foresta dieħel fik.